# REĠJUN TRAMUNTANA

**112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar, SPB 2617, Malta.**

**Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 1 ta’ 2024, miżmuma nhar is-16 ta’ Jannar 2024, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.**

Il-Laqgħa bdiet fis-sitta neqsin għoxrin ta’ filgħaxija.

Preżenti

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Clifford Galea Vella | President | |
| • Chris Grech | Mosta LC | Membru |
| • John Buttigieg | Mellieħa LC | Membru |
| • Kyle Mifsud | Mtarfa LC | Membru |
| • Alfred Grima | San Pawl il-Baħar LC | Membru |
| • Stefan Cordina | Attard LC | Membru |
| • Anne Marie M Fenech Adami | Naxxar LC | Viċi President |
| • Paul Vella | Mġarr LC | Membru |
| • Angelo Micallef | Balzan LC | Membru |
| • Trevor Fenech | San Ġwann LC | Membru |

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla

Membri Skużati:



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

**AĠENDA**

1: Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;
2: Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3: Komunikazzjoni tal-President;
4: Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri:
5: Korrispondenza
   I. Iffjurit bil-ward infewwah
6: Rapporti;
   i. Budget 2024
   ii. Fianacial Statement 2023
   iii. SIA
7: Affarijiet oħra ta’ Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;
   i. Performace Bonus SE u Impjegati
   ii. Ambjent
   iii. Skart
   iv. Synergies Eu Project
   v. Social Media proposal
   vi. Billbaords
   vii. Focus Europe AGM
8: Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti;
9: Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-Laqgħa nfetħet fis-17:40 mill-President, is-Sur Clifford Galea.

Il-President fetaħ il-laqgħa billi rringrazzja lill-membri tal-attendenza.

## - 1.1 Qari t’ Apoloġiji

## - 2.1 Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-laqgħa numru 15 miżmuma fit-18 ta’ Diċembru 2023 ittieħdu bħala moqrija. Clifford Galea ippropona li jkunu approvati. Stefan Cordina issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

### - 3.1 Komunikazzjoni mill-President

Il-President staqsa fuq il-kompjuter l-antik biex jara s-sitwazzjoni kif miexja. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li qed jippruvaw soluzzjoni biex jipprova jieħu kemm jista jkun informazzjoni u data minnu, ħalli l-kont finali ma jkunx bi spiża ta’ ammont kbir. Il-President enfasizza li wara 3 xhur suppost wasalna x’imkien biex din il-problema tkun solvuta. Is-Segretarju Eżekuttiv ser jerġa jkellimhom. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li filkas jitlob lura dan il-kompjuter jekk għadha mhux solvuta.

A.G.M. ser tiġi organizzata nhar it-3 ta’ Frar, fejn il-President ser jagħti l-informazzjoni kollha neċessarja fuq ir-rapport tal-S.I.A u dwar il-budget ta’ 2024. Il-post intagħżel li jkun l-Imtarfa fejn ser tiġi mżanżna l-Intepretation Centre.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

Il-President tkellem rigward il-proġett ta' filmati minn *Stradarjali*, fejn ser ikollna laqgħa dwar il-filmati li ser isiru biex kull Kunsill tar-Reġjun juri x'għamel matul is-snin.

Matul il-laqgħa waslet bandiera waħda u r-rappreżentanti għamluha ċara li jekk ma jkollniex xi nformazzjoni jew materjal lest, iridu ritornati l-flus lura, inkella ser jieħdu l-passi legali kontrih.

Il-President informa lill-membri li ser jerġa jinħareġ il-ktejjeb relatat mal-Ġimgħa l-Kbira, fejn jagħti kull informazzjoni fuq l-attivitajiet relatati ma' żmien ir-Randan. Il-membri approvaw din l-inizjattiva u l-President ħeġġeġ il-Kunsilli kollha biex imexxu l-kelma fil-lokalitajiet rispettivi.

Bolol - Intbagħtet email lil kull Kunsill biex jagħtu l-inizjattiva li jsibu artisti u jpinġu pittura li tirrapreżenta l-lokalitajiet rispettivi, però, xi membri ma qablux. John Buttigieg ippropona li l-Kunsilli jagħżlu mkejjen mil-lokalita tagħhom, u r-Reġjun isib artist biex ipitter dan il-post li jkun rappreżentat fuq il bolol. Il-membri qablu ma' din il-proposta.

Torri tal-Kaptan – Il-President wera x-xewqa biex fil-futur qarib jagħmlu żjara lil dan it-torri. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li kien kiteb lill-Lands Authority biex issir din iż-żjara.

### 4.1 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

Merħba Signs – John Buttigieg saqsa jekk dawk il-Kunsilli li diġa għandhom sinjal tal-merħba hux ser jibbenifikaw minn dawn ukoll. Il-President wieġeb li dawn is-sinjali jkunu għall-Kunsilli kollha. Alfred Grima ressaq proposta ġdida, fejn sab xi sinjali iżjed moderni minn tal-proposta eżistenti. Dawn is-sinjali jkollhom fihom diversi affarijiet; fosthom wifi, screens bir-reklami, CCTV u affarijiet oħra. Kien propost li tinħareġ sejħa biex kull lokalita jkollha minimu ta' waħda. Ir-responsabilta u l-manutenzjoni tibqa tal-bejjiegħ biex tiżgura li tinżamm f'kundizzjoni tajba. Is-Segretarju Eżekuttiv ser jiċċekkja x'hemm bżonn isir biex tkun tista toħroġ espressjoni ta' interess.

Kajjik – (CIF) - Alfred Grima mexxa mozzjoni biex jaraw fiex wasal dan il-proġett. Is-Sur Grima jixtieq li sal-laqgħa li jmiss imorru jieħdu xi ritratti u jaraw xi progress sar, b'hekk jieħdu xi deċiżjonijiet biex il-proġett jimxi 'l quddiem.

Ikla – L-ikla tar-Reġjun ser issir fid-19 ta' Jannar. John Buttigieg talab li jkun skużat, minħabba l-attivita tal-Kunsill tal-Mellieħa li ser tinżamm f'dak il-lejl stess.

Karnival u Ġimgħa Kbira – Il-President ħareġ proposta ta' fond ta' €10,000 għal kull Kunsill, biex dan ikun jista jorganizza attivitajiet għal żmien il-karnival. Saret diskussjoni u kien propost li l-fond jitla għal €20,000, li jkunu jistgħu jintużaw għal affarijiet kulturali u artistiċi, li jridu jittellgħu sal-aħħar ta' Novembru 2024. Din il-proposta ġiet approvata mill-membri. Is-Segretarju Eżekutiv ser ikun qed jibgħat "terms of reference" għal dan il-fond.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

## 5.1 Komunikazzjoni

*Iffjurit bil-ward ifewwaħ* - ser terġa tiġi organizzata t-tieni edizzjoni ta’ din l-attivita ġewwa Ħ’Attard. L-organizzatur kiteb lir-Reġjun u talbu xi għajnuna finanzjarja. Il-membri staqsew jekk hux possibli li din l-għajnuna toħroġ mill-fond li r-Reġjun għandu għall-għaqdiet volontarji. Il-membri tkellmu u ddeċidew biex mill-fond ta’ €3000 tal-għaqdiet volontarji, ikun il-Kunsill Lokali ta’ Ħ’Attard li jiddeċiedi kemm irid jgħinhom, b’hekk ir-Reġjun ma jaqbiżx l-awtorita tal-istess Kunsill.

## 6.1 Rapporti

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapporti tal-budget, l-aħħar kwart tas-sena u Financial Statement tas-sena 2023. Bdiet diskussjoni, iżda l-membri ħassew li jkun aħjar jekk ir-rapporti jkunu reveduti biex jirriflettu l-kwistjoni tal-iskart li kienet inqalgħet dakinhar stess. Il-membru Angelo Micallef staqsa lill-kamra fejn “Statement of Income & Expenditure Jan to Dec 2023” huwa ta’ €310,050.00 u “Actual Budget 2023” huwa ta €93,209.00, għala hemm differenza ta’ ammont konsiderevoli u s Segretarju rrisponda bil-problema tal-invoices tal-iskart.

B’din il-problema tal-invoices il-membri talbu biex il-budget ikun sospendut sakemm il-problema tal-invoices tiġi solvuta. Is-Segretarju tkellem mal-membri fejn l-għada tal-laqgħa jiġi maħruġ statement ta’ kemm inħarġu flus u tinstab soluzzjoni biex din il-problema tiġi solvuta llum qabel għada. Din l-affari ġabet rabja fost il-membri fejn talbu l-kamra li din tkun solvuta malajr kemm jista jkun fejn jekk hemm bżonn tiġi mgħajta laqgħa b’urġenza biex jerġa jiġi diskuss dan is-suġġett.

Il-President ser iżomm kuntatt mas-Sur Mario Fava, kif ukoll mas-Sur Chris Galea, fejn ser ikun jista jagħti parir kif nistgħu insolvu din il-kwistjoni.

Għalhekk, is-Segretarju Eżekuttiv intalab jirrevedi r-rapporti u jippreżentahom fil-laqgħa li jmiss jew f’laqgħa urġenti.

Is-Sur Paul Vella kellu joħroġ mil-laqgħa peress li filgħodu kmieni kellu jattendi l-laqgħa ġenerali annwali tal-Focus Europe f’isem ir-Reġjun Tramuntana, li ser tiġi mtellgħa ġewwa Ruma f’l-Italja.

## 7.1 Affarijiet oħra ta’ Xogħol ieħor tal-Kunsill Reġjonali li jkunu meħtieġa;

Waste Invoices – Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li kien sar żball fis-sistema tal-iskart. Huwa qal li r-Reġjun talab żbaljatament lill-Kunsilli biex dawn joħorġu invoice lir-Reġjun għall-kollezzjoni tal-borża l-bajda. Dan meta r-Reġjun kien hu li qed iħallas għas-servizz u mhux il-Kunsilli. Dan irriżulta li l-Kunsilli deher li huma dovuti flejjes li mhux tagħhom. Dawn il-ħlasijiet iridu jiġu ritornati lir-Reġjun u mhux possibli li jinżammu. Flimkien mal-Waste Manager ser ikun qed jipprepara rapport lill-Kunsilli u jtihom eżatt xi tħallas u ma tħallasx u x’jonqos jinġabar mingħand il-Kunsilli.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

Performance Bonus – Il-President talab lis-Segretarju Eżekuttiv joħroġ mill-kamra sabiex ikun diskuss il-Performance Bonus tiegħu u tal-impjegati. Il-laqgħa twaqqfet għal ftit ħin. Wara li nfetħet il-laqgħa, il-President informa lis-Segretarju Eżekuttiv li l-Performance Bonus tiegħu kien approvat u ser jingħata 3.5%. L-impegati Kristina Camilleri, Natalie Zammit, Chris Grima u Luke Saliba ser jingħataw 6%, Mary Helen Grima 4% u 3% lill-impjegata li telqet.

SIA – Draft tar-rapport ta' SIA kien ingħadda lill-membri. Alfred Grima ġibed l-attenzjoni li fih issemew ċertu politiċi u mhux sew li dawn jissemmew b'isimhom. Huwa talab biex dan ikun revedut. Il-membri qablu u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv jikteb lill-Universita dwar dan.

## - 2.8 Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

Skeda 170 kienet ippreżentata. Trevor Fenech ippropona li tkun approvata. Stefan Cordina issekonda l-mozzjoni. Alfred Grima astjena milli jivvota. Il-membri l-oħra qablu unanimament. L-iskeda kienet approvata.

Skeda 171 kienet ippreżentata. Stefan Cordina ippropona li tkun approvata. John Buttigieg issekonda l-mozzjoni. Alfred Grima u Angelo Micallef astjenew milli jivvutaw. Il-membri l-oħra qablu unanimament. L-iskeda kienet approvata.

## - 2.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-tmienja ta' filgħaxija.

Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tlieta, 20 ta'Frar 2024, fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

______________________________ ______________________________

Clifford Galea Vella — George Abdilla

President — Segretarju Eżekuttiv

Approvati llum, it-Tlieta 20 ta' Frar, 2024



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt